# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI
# IMHALLEF
# ONOR. JOSEPH A. FILLETTI BA., LL.D., A R HIST S.

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 3 ta' April 2000**

**Numru: 5**

**Citaz. numru 961/93 JF**

**Anthony VENTURA ghan-nom u in rappresentanza tal-Korporazzjoni Enemalta u b'nota tal-14 ta' Marzu 1997 Silvio Decelis assuma l-atti tal-kawza minflok Anthony Ventura.**
**vs**
**Joseph MIZZI u Anthony Mizzi ilkoll ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta' Joston Co. Limited.**

**Il-Qorti,**

Rat ic-citazzjoni tal-attur nomine li biha hemm premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni:

Premess illi l-konvenut noe fl-4 ta' Marzu 1992 waqt li kienu qeghdin ihaffru fl-Olympia Car Park, Floriana, laqtu diversi "cables" proprjeta' ta' l-attur noe, u ghalhekk ikkagunaw danni u hsarat fl-istess cables, u

dana unikament minhabba imperizja u traskuragni ta' l-istess konvenuti noe.

Premess illi danni sofferti mill-attur noe bhala konsegwenza tal-hsarat kawzati fl-imsemmija "cables" jammontaw ghal sitt mija u seba' u sittin lira u tlieta u hamsin centezmu u hames millezmi (Lm667.53,5).

U premess illi l-konvenuti noe gew interpellati sabiex ihallsu dawn id-danni izda baqghu inadempjenti.

TALAB li din il-Qorti:

1. Tiddikjara responsabbli ghal hsara kawzata f'diversi cables proprjeta' ta' l-attur noe li jinsabu fl-Olympia Car Park, Floriana, liema hsara grat fl-4 ta' Marzu 1992, u dana minhabba imperizja u traskuragni ta' l-istess konvenuti noe.

2. Tikkundannhom ihallsu lill-attur noe s-somma ta' sitt mija u seba' u sittin lira u tlieta u hamsin centezmu u hames millezmi (Lm667.53,5), in linea ta' danni sofferti mill-attur noe bhala konsegwenza tal-hsarat kawzati fl-imsemmija "cables".

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra interpellatorja tal-11 ta' Mejju 1992, u ta' l-ittra ufficjali tal-21 ta' April 1993 u bl-interessi mid-data ta' l-istess ittra ufficjali.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti nomine fejn eccepixxew:

1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt.

2. Illi d-ditta konvenuta mhux responsabbli tal-hsarat allegatament maghmula.

3. Illi biex id-ditta attrici tigi dikjarata responsabbli ta' xoghol maghmul minn haddiema irid jigi pruvat li kien hemm culpa in eligendo da parti tal-konvenuti u ghalhekk peress li ma kienx hemm tali "culpa" d-ditta konvenuta ma tistax tigi addebitata b'dawn il-hsarat;

4. Illi ghandu jigi kjamat in kawza Frank V Fenech Camilleri u Frank X Fenech it-tnejn ghan-nom u in rapprezentanza ta' Melita Insurance Brokers Limited, ta' 54, Zachary Street, Valletta stante li huma l-assikuraturi tad-ditta konvenuta u jekk ikun il-kaz ikunu huma li jkollhom ihallsu kull danni maghmula lill-atturi;

5. Illi minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet l-ohra l-ammont mitlub mill-atturi hu assolutament ezagerat.

6. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjonijiet tal-kontendenti, l-lista tax-xhieda taghhom flimkien mad-dokumenti li gew esebiti u semghet lix-xhieda li giet prodotta;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat li mill-provi jirrizulta b'mod abbondanti - minghajr l-icken prova kontrarja - li waqt li haddiema tas-socjeta' konvenuta kienu qeghdin jaghmlu xoghol ta' thaffir ta' trinek fl-Olympia Car Park, fil-Furjana, fl-4 ta' Marzu 1992, huma laqtu u ddammeggjaw "wires" u "cables" li kienu midfunin taht l-art a dannu tal-Korporazzjoni attrici ma kien hemm hadd iehor jahdem dakinhar fl-istess post. Il-persuna inkawzata mix-xoghol dak il-hin ghas-socjeta' konvenuta mhux biss accettat bil-fomm li taghmel tajjeb ghad-danni kkagjonati imma talli ffirmat dikjarazzjoni in iskritt f'dan is-sens ukoll - ara Dok AV1, fol 65 - kif ukoll ikkonfermat mis-Surgent tal-Pulizija numru 1338 Noel Apap li kkonduca l-istharrig mhux hekk biss imma minn ittra legali esebita - wara xi ezitazzjoni da parti attrici - mibghuta mill-avukat Dottor (illum Imhallef Noel Arrigo) jidher li l-unika kontestazzjoni kienet dwar il-<u>quantum</u> tad-danni billi - ara Dok SD1, fol 94 tal-process - skond Joseph Mizzi, direttur tas-socjeta' konvenuta "the actual damage <u>he has caused</u> does not exceed Lm350 to Lm400" (sottolinear tal-Qorti). Illi ghalhekk hemm provi sufficjenti li juru r-responsabbilita' diretta u uniku ghad-danni kkagjonati min-naha tal-konvenuti nomine u l-Qorti ma tasalx biex tifhem kif l-istess konvenut setghu jikkontestaw ir-responsabbilita' bil-mod eccepit - apparti l-fatt li l-istess konvenut nomine l-anqas biss segwew jew xehdu fil-kawza, oltre dak dikjarat bil-gurament man-nota tal-eccezzjonijiet.

<u>IL-"QUANTUM" TAD-DANNI</u>

Il-korporazzjoni attrici talbet u kkwantifikat id-danni kollha taghha ghas-somma ta' Lm667.53,5m, skond kif elenkat dettaljatament fil-prospett a fol 69, Dok AV4. Mill-kontro-ezami kondott mill-abili difensur tal-konvenuti nomine jirrizulta evidenti - u kif ser jinghad gustifikat ukoll - li l-ilmenti ewlenin tal-konvenut nomine kienu dwar zewg partiti minn dan il-kont, igifieri z-zieda ta' ghaxra fil-mija (10%) fuq il-prezz tal-oggetti u l-prezz tax-xoghol u mill-gdid, zieda ta' hamsa u tletin fil-mija (35%) ghal hekk imsejha "Corporation charges" - b'kollox ghalhekk awmenti ta' 45% fuq l-ispejjez attwali. Hu ben saput li skond il-ligi d-danneggjat ghandu kemm jista' jkun jimminimizza u mhux ikabbar id-danni. Minbarra dan, bl-ebda mod ma jirrizulta mill-provi li hemm xi gustifikazzjoni ghall-awment intestat u inkluz taht "Corporation charges" - apparti l-esagerazzjoni fil-percentwal mizjud. Dwar il-"contingency fees" minkejja l-insufficjenza f'dak li xehed fir-rigward Joseph Cassar, Technical Officer mal-EneMalta, hemm ix-xhieda ta' Silvio Decelis, addett mat-taqsima tal-finanzi bhala Administrative Officer, li spjega li deto n-natura tax-xoghol il-korporazzjoni trid tahrab minn qabel ghall-ementwalita' li jkollha tqabbad nies u apparat specjalizzat u ad hoc. Issa li kieku tali kontingenza ma kienx hemm bzonnha f'dan il-kaz in ezami allura l-Qorti xorta wahda kienet tiskarta l-inkluzzjoni ta' tali zieda fil-kont tad-danni ghaliex in realta' ma tkunx tassew giet minfuqa mid-danneggjat imma l-kaz in ezami juru xort ohra. Jidher li kellu jitqabbad inginier, fil-persuna ta' Joseph Farrugia, li assista ghax-xoghol rimedjali wara l-hamsa ta' filghaxija sa tard bil-lejl u kien hemm ukoll uzu ta' mezzi ta' trasport kemm ghal din il-persuna u ghall-haddiema. Ta' dan kollu ntalbet is-somma ta' Lm44.95,2m li, fic-cirkostanzi, mhijiex wahda

irragonevoli jew sproporzjonata. Wara kollox, ix-xoghol rimedjali hu wiehed mhux biss tekniku u specjalizzat imma jidhol fih ukoll ammont ta' perikolu u sar wara l-hin. Illi ghalhekk mill-kont kollu originali mitlub, il-Qorti qeghda telimina l-ammont ta' Lm173.06,5m ghal "Corporation charges" u li allura jwassalna ghall-figura ta' Lm494.47 - li l-anqas ma hija 'l boghod hafna minn dak li l-avukat tal-konvenut nomine stess indika fl-ittra legali tieghu surreferita. Li kieku l-konvenuti qabdu u hallsu l-ammont li huma jipretendew li kien dovut jew ta' l-anqas iddepozitawh taht l-awtorita' tal-Qorti, kieku dan kien jigi rifless kemm fuq il-kap tal-ispejjez kif ukoll fuq l-interessi imma minn dan kollu l-konvenuti nomine m'ghamlu proprju xejn u ghalhekk ghandhom ibatu l-konsegwenzi legali.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi, tilqa' in parte l-hames eccezzjoni dwar il-quantum tad-danni reklamati u tichad il-bqija tal-eccezzjonijiet, tilqa' t-talbiet attrici limitament pero' ghas-somma ta' erba' mija u erbgha u disghin lira Maltin u sebgha u erbghin centezmu (Lm494.47) u ghalhekk tikkundanna lis-socjeta' konvenuta li thallas l-istess danni flimkien mal-interessi legali mid-data tal-prezentata tal-att tac-citazzjoni sal-hlas effettiv. Il-kap tal-ispejjez jithallas interament mill-konvenuti nomine.

**ONOR. IMHALLEF JOSEPH A. FILLETTI LL.D.**

Deputat Registratur

AH.